Qorti Ċivili, Prim' Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 821/2012 AE

**Godfrey Grech (K.I. Nru. 434376M)**

**Vs**

**Asfaltar Limited (C-8313)**

19 ta' Frar, 2018.

1. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fis-16 t' Awissu 2012, is-soċjetà attriċi ppremetiet u talbet:-

> '*1. Illi nhar is-Sibt 10 ta' Lulju, 2010 l-attur kien ġie ordnat mill-employer tiegħu, ċioé minn diriġent tas-soċjetà konvenuta, sabiex l-għada, il-Ħadd, 11 ta' Lulju, 2010, jidħol xogħol fuq il-plant ta' l-istess kumpannija ġewwa Ħal Far u dan sabiex iwettaq xogħol ta' tiswija fuq makna imsejjħa "pug-mill";*
>
> *2. Illi l-attur hekk għamel u waqt it-twettieq tal-mansjonijiet lavorattivi tiegħu fl-imsemmija ambjenti tas-soċjetà konvenuta, l-attur safa involut f' inċident, u dan meta l-pala t' idu tax-xellug inqabdet fil-makkinarju (fork lifter) li kien qed juża sabiex tissewwa l-imsemmija makna (pug-mill), u dan hekk kif ser jintwera f' aktar dettall waqt l-andament tal-kawża;*
>
> *3. Illi l-imsemmi nċident seħħ unikament minħabba non-kuranza, minħabba imprudenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tad-debiti kawteli u regolamenti da parti tal-kumpannija konvenuta, stante li, inter alia, ma ħaditx ħsieb li tilqa' għall-infortunji fuq il-post tax-xogħol, naqset milli tipprevjeni u preventivament tħares is-saħħa ta' l-attur qua ħaddiem tagħha u naqset milli tassikura l-inkolumità tal-istess, u dan hekk kif ser jirriżulta fil-kors tal-proċeduri;*
>
> *4. Illi b' konsegwenza ta' dan l-imsemmi nċident, l-attur sofra danni ta' natura kemm materjali u attwali (damnum emergens) u kemm danni għal dak li jirrigwarda qligħ futur (lucrum cessans);*
>
> *5. Illi l-kumpannija konvenuta hi responsabbli għal dan is-sinistru ndustrijali u għar-riżultanti danni sofferti hekk kif appena deskritt;*

6. *Illi għalkemm il-kumpannija konvenuta ġiet interpellata tersaq għall-assunzjoni ta' responsabbilità għall-akkadut fuq imsemmi u għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti, hi baqgħet nadempjenti u per konsegwenza kellhom isiru l-odjerna proċeduri.'*

Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi talbet li l-qorti:-

*'(i)* ***Tiddikjara*** *lis-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar il-Ħadd, 11 ta' Lulju, 2010 waqt li l-attur, impjegat mal-istess soċjetà, waqt l-iżvolġiment tal-mansjonijiet lavorattivi tiegħu fl-impjant proprjetà ta' l-istess soċjetà ġewwa Ħal Far, safa nfortunat;*

*(ii)* ***Tiddikjara*** *illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba non-kuranza, minħabba imprudenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tad-debiti kawteli u regolamenti da parti tas-soċjetà konvenuta;*

*(iii)* ***Tillikwida*** *d-danni kollha sofferti mill-attur b' riżultat ta' dan l-inċident, kemm dawk attwali u kemm dawk futuri, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*(iv)* ***Tikkundanna*** *lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur dawk id-danni li jiġu hekk likwidati.*

***Bl-ispejjeż****, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2174/2011 datata 27 ta' Ġunju, 2011 kontra s-soċjetà konvenuta u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-istess soċjetà konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.'*

2. Permezz ta' tweġiba maħlufa[1] ppreżentata fil-27 ta' Settembru 2012, is-soċjetà konvenuta wieġbet:

'1. *Illi* ***preliminarjament*** *it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox intempestivi, billi s-soċjetà esponenti, tramite l-assikurazzjoni tagħha, kienet talbet lir-rikorrent sabiex* ***mingħajr preġudizzju*** *jikkwantifika l-pretensjonijiet tiegħu, u dan permezz ta' email datata 9 ta' Marzu 2012 [****Dok. ASF1****], liema email baqgħet mhux imwieġba;*

2. *Illi* ***mingħajr preġudizzju għal premess u fil-mertu****, l-ewwel żewġ talibiet tar-rikorrenti in kwantu diretti kontra s-soċjetà esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu miċħuda u dan peress illi l-imsemmija soċjetà esponenti m' hix responsabbli għall-inċident de quo kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x' jiġu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwé każ u* ***mingħajr preġudizzju għall-premess****, l-entità*

[1] Fol. 38

*tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat, partikolarment ir-rata ta' debilità allegatament subita mill-istess rikorrent;*

*4. Illi dwar dan, is-soċjetà esponenti tirrileva illi r-rikorrent kien ġie eżaminat ukoll minn konsulent ortopediku Mr. Massimo Abela, wara li ngħata l-kunsens relattiv, fuq talba tal-assikurazzjoni tas-soċjetà esponenti. L-imsemmi konsulent ikkonkluda li r-rikorrent kien qed ibati minn debilità permanenti fir-rata ta' erba' fil-mija (4%) [**Dok. ASF2**] u mhux disa' fil-mija (9%) kif ġie stabbilit mill-konsulent ex parte tar-rikorrent Mr. Ray Gatt;*

*5. Għaldaqstant l-istess rikorrent għandu jagħmel il-prova tad-danni skont il-liġi;*

*6. Illi r-raba' talba tar-rikorrent għandha ukoll tkun miċħuda peress illi s-soċjetà esponenti m' għandiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-imsemmi rikorrent.*

*7. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.'*

3. Il-qorti semgħet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

4. Illi l-<u>fatti</u> huma:

- L-attur beda jaħdem *full-time* mas-soċjetà attriċi fit-8 ta' Marzu 1995 bħala '*weight-bridge operator*[2] u bħala '*skilled labourer'* mill-14 ta' Lulju 1997.[3] Għamel ukoll xogħol ta' xufier u ħadem fil-*plant* tal-*emulition* li tħallat il-qatran. Fil-preżent jaħdem bħala *Plant Operator* responsabbli għall-*plant* u jagħmel xogħol ta' *maintenance* tal-magni li hemm fil-plant u jħaddem magni li jipproduċu l-konkos u t-tarmac;

- Is-Sbit 10 ta' Lulju 2010, waqt li kien qiegħed fuq il-*plant* kien ċempillu Ian Magro, wieħed mid-diretturi tal-konvenuta, u qallu biex jidħol ix-xogħol l-għada l-Ħadd 11 ta' Lulju 2010 sabiex isewwi magna tissejjaħ *plug-mill* li tintuża biex tħallat u tipproduċi t-tarmak għaliex kienu nqalgħu l-paletti minn posthom. Qallu ukoll jara għandux bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd u f'dak il-każ ikellmu;

- Sabiex jipprepara għall-għada, l-attur mar jipprova l-*fork lifter* li deherlu li kien meħtieġ biex jalzaħ ġol-bokka tal-*pugmill* fejn kellu

[2] Fol 104
[3] Fol. 105

jagħmel it-tiswijiet.[4] Meta pprova jistartjaħ l-ignition ma ħadmix. Kollega tiegħu, Omar Briffa, infurmah li l-*fork-lifter* kellu l-*ignition* bil-ħsara u biex jistartja kellu jmisslu l-*wire* tal-*ignition* tal-batterija li kienet taħt is-*seat* tiegħu u wrieħ kif;

- L-attur avviċina lil ċertu Pawlu Farrugia biex jgħinu f'din il-biċċa xogħol, peró dan ma setax jidħol il-Ħadd. Peress li l-istruzzjonijiet kienu li x-xogħol ried isir sal-għada, kien għalhekk talab l-għajnuna ta' Joseph Camilleri li aċċetta;

- Il-Ħadd 11 ta' Lulju 2010 l-attur u Camilleri bdew ix-xogħol kmieni filgħodu. L-attur startja l-*fork-lifter* kif ġie muri l-ġurnata ta' qabel u saqha sa taħt il-*pug-mill* li kellha tiġi msewwija. Bl-għajnuna ta' Camilleri daħħal *palette* tal-injam fil-frieket tal-*forklifter* sabiex isservi ta' platform u tela' fuqha flimkien ma' l-għodda meħtieġa;

- Joseph Camilleri, li kien qed jimmanuvra l-*fork lifter*, tellgħu bil-mod il-mod ġewwa l-blokka tal-*pug-mill* sakemm kien qaddu 'l fuq ġo fiha u <u>tefa'</u> l-*fork lifter.* Sussegwentement, Camilleri tela' ħdejn l-attur permezz ta' sellum[5] u għenu jżomm il-paletti f' posthom sakemm dan tal-aħħar rabathom bil-*bolts*;

- Meta tlestew it-tiswijiet, Joseph Camilleri niżel biex jimmanuvra l-*fork-lifter* l'isfel kif qalu jagħmel l-attur. Peress li dan kien jaħdem bil-hydraulic, ma kienx hemm bżonn li jistartjaħ sabiex il-*jib* tinżel l' isfel;

- Waqt li l-attur, li kien bilwieqfa fuq il-*palette*, beda nieżel 'l isfel, ħass skoss *fil-fork lifter* u biex ma jaqax, żamm mal-*mast* tal-*fork-lifter* li qabadlu l-pala t'idu x-xellugija. Dak il-ħin beda jgħajjat sabiex Camilleri itella' l-jib 'l fuq malajr ħalli jkun jista' joħroġ idu mill-qabda tal-mast peró dan ta' l-aħħar ma setax jistartja l-*fork lifter* li ried ikun mixgħul biex jiġi manuvrat 'l fuq. Għalhekk mar jiġri għall-għajnuna għand John Magro, id-direttur l-ieħor;

- Wara xi minuti, tfaċċaw Joseph Camilleri u Michael Ghigo li fl-aħħar irnexxielhom jixgħelu l-*fork-lifter* u b' hekk setgħu jgħollu l-*jib* sabiex l-attur joħroġ idu minn gol-*mast*. Minn hemmhekk ittieħed l-isptar;

---

[4] Fid-19 ta' mejju 2014 l-attur xehed li l-*pug-mill* qegħda sular għoli (fol. 217). Ref ukoll fol. 54 et seq.

[5] Fol. 217

- B' konsegwenza tal-inċident, l-attur sofra diżabilità permanenti f' idu x' xellugija.

**Konsiderazzjoni.**

5. In linea preliminari l-konvenuta wieġbet għall-azzjoni attriċi kif ġej:

> *'Illi **preliminarjament** it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox intempestivi, billi s-soċjetà esponenti, tramite l-assikurazzjoni tagħha, kienet talbet lir-rikorrent sabiex **mingħajr preġudizzju** jikkwantifika l-pretensjonijiet tiegħu, u dan permezz ta' email datata 9 ta' Marzu 2012 [**Dok. ASF1**], liema email baqgħet mhux imwieġba;'*

6. In kwantu din l-eċċezzjoni ma ġiet ibbażata fuq l-ebda disposizzjoni tal-liġi u l-attriċi lanqas insistiet dwarha fis-sottomissjonijiet tagħha, hi miċħuda.

7. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-każ.

**Responsabbiltà.**

8. Għalkemm il-prinċipji tal-ħtija kif imsawra fil-kuntest tal-Art 1031 u 1032(1) tal-Kap 16, jistgħu jiġu applikati in linea ġenerali għall-każ tal-lum, kif irritjeniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet ***Natalina Ciancio vs Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali***:

> *'l-azzjoni attriċi tibqa` waħda partikolari msejsa fuq ir-relazzjoni ex contractu veljanti bejn impjegat u prinċipal fejn jidħol il-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurta` tal-impjegat.*[6]

9. Il-Qorti sejra tistħarreġ qabel xejn il-kwistjoni tar-responsabbiltà għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali li hemm fis-sentenza ta' din il-qorti tad-29 ta' Settembru, 2011 fil-kawża ***Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited***:

> *`Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih*

[6] Deċiża fis-27 ta' Frar 2014

*minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu,*[7] *is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b' rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b' idejh.*

*Illi b' żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f' dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b' sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa*[8] *u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem.*[9] *Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni.*[10] *Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi.*[11]

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq,*[12] *u b'mod partikolari, għandu jimxi id f' id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti*[13] *u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f' sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel.*[14] *B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru.*[15]

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m' hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-*

---

[7] Art. 1031 tal-Kap 16.
[8] Art. 6(2) tal-Kap 424.
[9] Art. 6(3) tal-Kap 424.
[10] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borg vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata).
[11] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata).
[12] Art. 7(1) tal-Kap 424.
[13] Art. 7(2) tal-Kap 424.
[14] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farrugia vs Elbros Construction Ltd.***
[15] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***

*familja,*[16] *ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel.*[17]

*Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"*[18] *jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu.*

*...*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*[19] *Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab.*[20] *Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f' liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet.*[21] *Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m' hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra,*[22] *u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti.*[23] *Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b' hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara.*[24] *Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b' linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li*

---

[16] Art. 1032(1) tal-Kap 16.
[17] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[18] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe.***
[19] Art. 1031 tal-Kap 16.
[20] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhux pubblikata).
[21] Art. 1051 tal-Kap 16.
[22] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**).
[23] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius.***
[24] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et.***

*jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu.*[25] *Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;'*

10. Inoltre japplikaw ukoll ir-***Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol*** li daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Jannar 2003 bis-saħħa tal-Att dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta Fuq il-Post tax-Xogħol (Kap 424). Ir-Regolament 4 jelenka d-dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem:

*'(1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f' kull żmien u f' kull aspett li għandu x' jaqsam max-xogħol.*

*(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża.*

*(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u tagħrif kif meħtieġ:*

*Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta` aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu.'*

11. Ir-regolament 5 jelenka iktar dmirijiet ta' min iħaddem u ċjoe li:

*'(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b' rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa.'*

---

[25] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***

12. Regolament 15 imbagħad speċifikament jelenka l-obbligi tal-ħaddiem u jaqra hekk:

> *'(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.*
>
> *(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:*
>
> *(a) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;*
>
> *(b) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f' postu;*
>
> *(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b' mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett ;*
>
> *(d) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema b' xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b' xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;*
>
> *(e) jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;*
>
> *(f) jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom.'*

13. Dwar l-obbligu ġenerali tal-konvenuta sabiex tipprovdi lill-impjegat "*a safe system of work*", Paul Magro, wieħed mid-diriġenti tagħha eżebixxa '*Occupational Health and Safety Risk Assessment*' datat Jannar 2010[26] li sar mill-kumpannija *AME Health and Safety Services Ltd* li tieħu l-aspett ta' *health and safety* ghas-soċjetà konvenuta.

[26] Fol. 114 et seq.

14. Din il-Qorti ma tqisx li l-imsemmi *risk assessment* sodisfaċentement jipprova t-twettiq tal-obbligi tal-konvenuta fil-konfront tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema tagħha a tenur tal-prinċipji ġurisprudenzjali u tal-liġijiet viġenti 'l fuq elenkati in kwantu:

(i) ir-rapport jgħamilha ċara li:

> '*The assessor disassociates himself from any known or concealed dangers which were not forwarded to his attention during the risk assessment. In compiling this report the assessor has relied on the information provided for its accuracy and completeness in forming an opinion and has taken steps to verify it where possible ...*';

(ii) għalkemm ir-rapport jipprovdi li:

> '*Mr Ian Magro on behalf of Asfaltar Limited shall implement all the necessary control measures mentioned in the occupational health and safety risk assessment.*';

ir-rapport mhuwiex iffirmat mill-imsemmi Ian Magro, id-direttur l-ieħor tal-konvenuta.[27] Mistoqsi jekk r-rakkomandazzjonijiet hemm elenkati ġewx implimentati *o meno* jgħid:

> '***għandi l-impressjoni*** *illi r-rakkomandazzjonijiet li kienu tawni biex nagħmlu, konna għamilnihom.*[28]

liema risposta mhijiex sodisfaċenti in kwantu ma tagħti l-ebda garanzija konkreta li l-konvenuta ħadet dawk il-miżuri meħtieġa għall-*health and safety* tal-impjegati tagħha; u

(iii) minkejja li r-rapport jipprovdi li:

> '*This risk assessment shall be under ongoing reviews particularly when other employees are engaged, changing of working practices and / or alteration of the esisting building*'[29]

ma ġie ppreżentat l-ebda *followup report* u lanqas ma tressaq xi rappreżentant tas-soċjetà *ame health and safety services ltd* sabiex jixhed dwar xi miżuri għall-ħarsien tas-saħħa u tas-

[27] Fol. 143.
[28] Fol. 151A.
[29] Fol. 143.

sigurtà li setgħet implimentat is-soċjetà konvenuta in segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

15. Paul Magro jgħid ukoll li s-soċjetà konvenuta hija attrezzata b' kamra għall-*first aid* fejn hemm *stretcher,* kaxxa tal-*first aid* u l-*oxygen*[30] u li l-attur tqabbad jagħmel kors tal-*Health and Safety* pero kien irrifjuta.[31] Ippreżenta ċertifikat ta' attendenza ta' taħriġ fil-'*First Aid & Safety at Work'* f' April 2009 ta' Martin Xerri, impjegat ieħor.[32]

16. Filwaqt li huwa minnu li din il-prova ma ġietx kontradetta mill-attur, jibqa' l-fatt li għalkemm huwa importanti li l-impjegati jiġu mħarrġa fil-*health and safety*, dan waħdu mhuwiex biżżejjed. Jibqa' l-obbligu tal-prinċipal li jipprevjeni r-riskji fuq il-post tax-xogħol billi filwaqt li jidentifikahom, jieħu l-passi li huma meħtieġa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi neċessarji.

17. Ian Magro ikkonferma li kien hu li kien ta' struzzjonijiet lill-attur biex jirranġa l-ħsara fil-*pug-mill* peress li kienet inqalatilha paletta mill-*mixer*:

> *'għidtlu biex jidħol jirranġaha l-Ħadd, jekk għandu bżonn lil xi ħadd miegħu, jara lil min għandu bżonnu jgħid lil xi ħadd hu u jidħlu jirranġawha. Hu responsabbli tal-plant u għalhekk jien għidtlu x' għandu jagħmel u daqshekk.'* [33]

18. Kif tipprovdi l-liġi u ġurisprudenza 'l fuq ċitata, min iħaddem dejjem għandu obbligu legali jissalvagwardja s-saħħa u s-siġurtà tal-impjegati tiegħu permezz ta' monitoraġġ u struzzjonijiet adegwati fost mezzi oħra. Isegwi li filwqat li huwa mistenni li kull impjegat jagħmel xogħolu, mhuwiex aċċettabbli li min iħaddem ma jqiesx u jagħti ordnijiet kif għandu jitwettaq ix-xogħol ordnat, basta li jsir, speċjalment meta fin-natura tiegħu dak ix-xogħol ikun perikoluż.

19. Mill-provi jirriżulta li l-*pug-mill* kienet tinsab fl-għoli u sabiex ir-rikorrent isewwiha kellu jidħol fil-bokka tagħha sa qaddu. Din kienet it-tieni darba li l-attur għamel dan ix-xogħol fuq il-*plug-mill*. Ilu jaħdem mal-konvenuta għoxrin sena. L-attur xehed:

---

[30] Xhieda ta' Paul Magro, fol. 85 – 86.
[31] Fol. 103A.
[32] Fol. 144.
[33] Fol. 151B.

*'li jkollu bżonn l-imgħallem irrid nagħmlu* ... ***lifters tan-nies, jew aħjar li jġorru n-nies, m'għandniex fil-post tax-xogħol ... Il-lifter iż-żgħir ma kienx fil-post tax-xogħol u lanqas kien ilaħħaq dak l-għoli.*** *Dan kien iż-Żurrieq. Lifter il-kbir ma jidħolx f' dak l-ispazju. Dan biss stajna nużaw ... L-imgħallem kien qalli biex nagħmel użu minn dan il-lifter.* ***Anki kieku ma qallix, dan bilfors kelli nuża dakinhar.'***[34]

20. Madanakollu, Ian Magro xehed:

> *'Mistoqsi dwar min qal lil Godfrey Grech biex juża dak il-fork lifter partikolari,* ***ngħid li jien m'għedtlux****. Għandi ngħid li l-fork-lifter li qed insemmi mit-tnejn l-oħra, wieħed huwa bħalu, identiku, u l-ieħor iżgħar minnu u kienu hemmhekk dak iż-żmien'*[35]

21. L-attur żied jgħid illi:

> *'Xogħol ta' maintenance isir imma* <u>*mhux fuq ġewwa, fuq in-naħa ta' barra*</u> *... Meta nagħmel il-maintenance jiena nitla' fl-għoli bis-sellum li hemm ma din il-magna. Gaġġa bil-crane hemm għand Asfaltar Limited pero din tintuża meta jkollna bżonn pereżempju intellgħu sett ċilindri jew cutters. Dawn oġġetti tqal. Nikkonferma li sabiex seta' jsir ċertu xogħol fuq din il-magna matul is-snin intużat il-gaġġa peró aktar fl-għoli.* ***Mistoqsi mill-Qorti jekk stajtx nuża l-gaġġa f' dan il-każ, ngħid le, għax-xogħol li ridt nagħmel ma stajtx għax il-gaġġa ma tistax iddaħħalha minn taħt.***
>
> *Dak iż-żmien tlett forklifters kien hemm għand l-Asfaltar bħal dak li jidher fir-ritratt fol. 64. Gaġġa m' għandha x' taqsam xejn mal-forklifter. Gaġġa tidħol fiha u tittella permezz ta' crane. Nikkonferma li x-xogħol għandna wkoll, kif qed tiddeskriviha l-avukat tal-konvenuta, tip ta' gaġġa, jkollok base li ttellaha fuq forklifter u mad-dawra jkollok ħadida bħal gallarija. Minn dawn waħda hemm ix-xogħol. ...* ***Kieku użajt din l' hekk imsejjha gaġġa, ma kontx nista' nidħol hemm. Il-fetħa tal-pugmill hija bejn wieħed u ieħor metru b' nofs metru. Li kieku użajt din il-gaġġa ma kontx ser inlaħħaq għal paletti fejn kien hemm bżonn illi jsir ix-xogħol. Kien jonqosni bejn wieħed u ieħor għoli ta' żewġ metri. Il-forklifter li użajt jien m' mhwiex intenzjonat biex fuqu ittella' n-nies imma ttella' merkanzija, affarijiet ... Jien għażilt il-lifter iżda bilfors bih kelli naħdem.*** *Wieħed li kien ta' daqs iżgħar kien qiegħed barra l-plant. It-tnejn l-oħra tant huma kbar li ma kontx ninqeda minħabba nuqqas ta' spazju. Dawn kienu kbar ħafna. Kollox kbir li għandhom. Is-Sibt kont mort biex inqabbad dan il-forklifter peró ma startjax. Lill-imgħallem għidtlu li l-forklifter li għandna hemmhekk mhux jaħdem tajjeb u li hemmhekk b' wieħed nistgħu naħdmu ... Lill-imgħallem m' għedtlux biex iġibli l-forklifter. Hu minn fejn tridu jġibuli? Lill-imgħallem ċempiltlu u għidtlu.* ***Qalli "ara x'ser tagħmel. Il-Ħadd trid tidħol u tagħmilli t-tiswija li hemm bżonn."*** *Lill-imgħallem m' għidtlux li l-ignition m' hix taħdem. L-imgħallem*

[34] Fol. 218.
[35] Fol. 151C.

*li għidtlu hu li l-forklifter mhux qed jaħdem sew. Biex jaqbad trid toqgħod tilgħab bil-wire li hemm taħt is-seat ... L-imgħallem ma kienx qiegħed fil-post fejn weġġajt jien. Sieħbi mar jgħid lil wieħed mill-prinċipali illi kien f' post ieħor tal-plant ...* ***Hemm guard li suppost titwaħħal mal-mast. Din sirt naf biha xi sentejn jew tlieta wara l-inċident. Kieku kien hemm il-guard lilha kont naħtaf.***

***Mistoqsi mill-Qorti jekk jiena stajtx għamilt użu minn xi makkinarju ieħor biex nitla' hemm fuq fejn hemm il-magna li kellha bżonn ir-repair, ngħid le ma stajt nuża xejn iżjed. Ian Magro għadu sallum jgħidli "mur u sewwi, f'idejk ix-xogħol".*** *Jien ili sbatax-il sena, naf x' għandi nagħmel. Għal ċertu xogħol ikolli bżonn l-għajnuna ta' ħaddieħor. Peró t-tip ta' xogħol li kont qed nagħmel dakinhar ma kelli bżonn ebda għajnuna ...'*[36]

22. Joseph Camilleri, li kien qiegħed jopera l-*forklifter* meta seħħ l-inċident mertu tal-każ odjern, jgħid ukoll li kien hemm tlett lifters fuq il-post peró t-tnejn l-oħra kienu kbar u goffi wisq sabiex jintużaw għax-xogħol li ried jagħmel l-attur.[37] Ikkonferma ukoll li huwa tela' fuq il-lifter ħdejn l-attur biex jgħinu **billi xxabbat mal-*jib* b'idejħ u b'saqajh**[38] li jkompli jikkonferma n-nuqqas ta' apparat adegwat sabiex jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tal-konvenuta fit-twettieq ta' xogħolhom. In kontro eżami xehed ulterjorment li:

*'Ġol-plant tlett lifters kellna b' kollox. Imma aħna* ***kellna nużaw l-lifter li użajna peress li fejn ried jaħdem Godfrey l-lifters l-oħra kienu goffi.*** *Dan huwa lifter niddeskrivieh bħala żgħir. Ta' daqs normali. L-oħrajn huma kbar, goffi, ma stajniex nużawhom fjen ridna naħdmu. Dawn iż-żewġ lifters l-kbar l-oħra, fil-post kienu fl-impjant imma ma setgħux jintużaw. Kienu jaħdmu iva. Il-lifter saqu Godfrey. Jien kull m' għamilt hu li tellajt u nižżilt lever. L-lifter jien startjajtu. Sakemm ħdimna kellna nitfuh. L-lifter kien difettuż. Biex titstartjah trid tuża l-wire. Dakinhar irriżulta li kellu anka difetti fis-side shift. Din hija l-parti fjen tgħolli u tniżżel il-frieket. Ma konniex nafu li hemm dad-difett fil-lifter ... Naqbel li dal-lifter mhux suppost li jitilgħu u jinżlu n-nies. Imma ma kellnix biex naħdmu. Gaġġa ma kellnix. Jien ma rajtx gaġġeġ. Żgur minnu dan.*

***Gaġġa kellhom iva imma fil-post l-impjant li konna qed naħdmu aħna l-Ħadd ma kienx hemm gaġeġ. Kien hemm gaġġa joqgħod persuna fiha, kien hemm gaġġa taqbad mal-forklifter. Waħda kien hemm, kienet tintuża fuq barra. Tlieta anke b' kollox forklifters ... il-gaġġa ma kinitx hemm*** *...* '[39]

---

[36] Xhieda Godfrey Grech, fol. 242 – 245.
[37] Xhieda Joseph Camilleri, fol. 76.
[38] Xhieda Joseph Camilleri, fol. 76.
[39] Fol. 249 et seq.

23. Filwaqt li Paul Magro xehed li huwa sar jaf bil-*fault* fil-*lifter* wara l-inċident[40], Ian Magro xehed li kien jaf li l-*lifter* kellu l-ħsara u kien ħdejn il-mekkanik biex jirranġah.[41]

24. Omar Briffa xehed li l-*lifter* in kwistjoni kien ilu bil-ħsara xahar[42] u **kien għadu ħiereġ mingħand il-mekkanik**. In kontro-eżami żied:

> *'dak il-lifter kont nużah jien fuq il-post tax-xogħol. Il-ġurnata ta' qabel jien soqtu ... Fiż-żmien meta seħħ l-inċident fl-impjant kien hemm żewġ lifters. Wieħed minnhom dan in kwistjoni. Dakinhar li l-aħħar ħdimt bih jiena wieħed minnhom kien bil-ħsara imbgħad kien hemm dak li soqt jien ġurnata qabel l-inċident. Nikkonferma li dak li kien bil-ħsara kien l-ikbar lifter ...* ***Asfaltar ma jipprovdulniex il-gaġġeġ jekk ikollna nitilgħu fl-għoli. Gaġġeġ ma kellnix. Il-proċedura kienet li jekk xi ħadd jittella f' ċertu għoli li ma tilħaqx b' sellum, nagħmlu pallet fuq il-lifter u ntellgħu bil-lifter. Dak iż-żmien ma kellna l-ebda gaġġa. <u>Kien wara l-inċident li pprovdew gaġġa.</u>*** *Dil-gaġġa tintuża bil-crane u kif ukoll b' lifter ..* ***Fil-ħin tal-inċident ma kellna ebda gaġġa għal-lifter. Ma kellna l-ebda gaġġa la għal-lifter u lanqas għal xi inġenju ieħor***.
>
> *L-attur kellimni ġurnata qabel l-inċident u qalli li kellu bżonn jintuża l-lifter. Urejtu kif jistartja l-lifter. Dan kien jistartja billi tmiss l-wire mal-batterija. Dan mhux normali.* ***Kien għadu kif ħareġ mingħand il-mekkanik*** *... Il-lever ma kellu l-ebda problema teknika. Ġurnata qabel ma seħħ l-inċident kein hemm trakk mgħobbi, jiena użajt l-lifter biex inħott l-affarijiet li kien hemm fuq it-trakk.*
>
> *Ma kelli l-ebda problema bil-frieket u l-lever li jttella u jniżżel il-frieket ... Ili naħdem mal-Asfaltar għoxrin sena.* ***Dejjem bil-lifter nafhom. U din li semmejt qabel tal-pallets li jitqiegħdu fuq il-lifter u imbgħad jitilgħu u jinżlu n-nies fuq il-lifter fejn ikun hemm il-pallet ili nafha kemm ili naħdem hemm.*** *Illum għandna l-gaġġeġ. Jien rajthom b' għajnejja jagħmluha din il-proċedura. Rajt lill-impjegati jagħmluha. Jien qatt m' użajt din il-proċedura.* ***Din kienet proċedura normali.***[43]

25. Jekk il-*lifter* kellux xi problema teknika *o meno* apparti l-fatt li kellu l-ħsara fl-*ignition*, mhuwiex magħruf. L-ebda mekkanik ma tharrek biex jixhed u skont il-verbal tat-2 ta' Diċembru 2015:-

> *'fir-rigward tat-talba għall-preżentata ta' maintenance logs <u>wara</u> s-sena 2010 jirriżulta illi l-fork lifter in kwistjoni ġarrab xi ħsarat xi żmien wara l-inċident in disamina liema ħsarat irrendew il-fork lifter mhux funzjonabbli. Jidher li l-imsemmi fork lifter għadu fl-istess stat sallum u għaldaqstant ma nżammux*

[40] Xhieda Paul Magro, fol. 103A.
[41] Fol. 151B.
[42] Fol. 73 – 74.
[43] Fol. 247 et seq.

*ebda logs.' 'Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' tiswija illi kienu qed isiru fuq il-fork lifter in kwistjoni fi żmien tal-inċident, l-Av. Żammit Mc Keon ġiet infurmata illi x-xogħol li kien qed jiġi eżegwit u ċioé bdil tal-wire fl-ignition huwa kkunsidrat bħala xogħol żgħir u għalhekk ma jiġix rekordjat fid-dokumentazzjoni tal-kumpannija.'*[44]

26. Din il-Qorti hija tal-fehma li ġie ampjament ippruvat li tali ***lifter*** **ma kienx attrezzat sabiex jitilgħu n-nies fuqu**. Il-qorti mhijex sodisfatta li fil-post tax-xogħol dakinhar tal-inċident kien hemm apparat ieħor li l-attur seta' juża meħud ukoll in konsiderazzjoni n-natura tax-xogħol li kellu jagħmel. Meta tqis l-għodda goffa li kien qiegħed juża l-attur, il-qorti mhijiex tal-fehma li dan kien każ fejn l-impjegat seta' jagħmel użu minn sellum.

27. Fir-rigward tal-forklifter il-qorti tosserva:-

i. Forklifter mhuwiex diżinjat biex jerfa' n-nies iżda oġġetti;
ii. F'kull każ biex forklifter jintuża biex fuqu jitilgħu n-nies, kien hemm bżonn ta' *work platform*. Li jintuża pallet bħala platform hu għal kollox barra minn loku;
iii. Ovvjament mal-*work platform* hemm bżonn ukoll li jkun hemm xi tip ta' guard magħluqa f'dik il-parti li tigi ma' fejn hemm il-katina (ara ritratt a fol. 66), kif ukoll *guardrails* għal mad-dawra tal-*platform*.

In kontro-eżami l-attur xehed[45]:

*"Nikkonferma illi x-xogħol għandna wkoll, kif qed tiddeskriviha l-avukat tal-konvenuta, tip ta' ġaġġa, jkollok base li ttellagħha fuq il-forklifter u mad-daw jkollok ħadid bħala gallarija. Minn dawn waħda hemm ix-xogħol".*

L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta, jekk riedet tikkonvinċi lill-qorti li l-attur kellu jagħmel użu minn dik il-gaġġa u li kienet adattata għax-xogħol li kellu jsir. Dan meħud in konsiderazzjoni l-ispazju ristrett fejn kellu jidħol l-attur (ara ritratti a fol. 54-57). Dan meta tqis li l-attur xehed, *"Mistoqsi mill-qorti jekk jiena stajtx għamilt użu minn xi makkinarju ieħor biex nitla' hemm fuq fejn hemm il-magna li kellha bżonn ir-repair, ngħid le ma stajt nuża xejn iżjed"*[46]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuta semmiet ukoll li kien hemm gaġġa bil-*crane*. Wara li l-qorti rat ir-ritratti li ppreżenta l-attur, ma tarax kif l-attur seta' juża' krejn. F'kull każ hawn ukoll kienet il-konvenuta li kellha tikkonvinċi lill-qorti li l-krejn seta' jintuża għax-xogħol li l-attur ġie

[44] Fol. 272.
[45] Fol. 243.
[46] Fol. 244.

mqabbad jagħmel. Ħaġa li żgur li m'għamlitx. Inoltre, x-xhud Omar Briffa xehed:

> *"U din li semmejt qabel tal-pallets li jtiqegħdu fuq l-lifter u imbagħad jitilgħu u jinżlu in-nies, fuq il-lifter fejn ikun hemm pallet ili nafha kemm ili naħdem hemm. Illum għandna l-gaġeġ. Jien rajthom b'għajnejja jagħmluha din il-proċedura. Rajt lill-impjegati jagħmluha..... Din kienet proċedura normali"*.

Kliem li jkompli jsaħħaħ il-fehma tal-qorti li kien hemm nuqqasijiet serji ta' ħarsien ta' sigurta fil-post tax-xogħol. Li tisma' l-istess xhud igħid li biex tixgħel il-forklifter ix-xufier kellu l-ewwel *"tmiss l-wire mal-batterija"*[47], hu nkwetanti. L-istess qal Anthony Debono, ħaddiem ieħor tas-soċjeta konvenuta; *"Dwar dan il-lifter li bih kien weġġa Godfrey naf biss illi kien jistartja u jiġi mixgħul billi tmisslu xi wire ħalli jaqbad"*[48].

28. Il-konvenuta semmiet ukoll guard li l-attur messu waħħal mal-forklifter qabel użah. Dwar dan il-guard, kien l-attur li xehed li sar jaf bih żmien wara l-inċident. Mill-provi ma jirriżultax għalfejn din il-guard ma kinitx imwaħħla mal-forklifter, u li fir-realta hi ntiża bhala *support* għall-oġġetti.

29. Min-naħa l-oħra ssib element ta' kontributorjeta' min-naħa tal-attur. Skont ma xehed; *"15. Joseph kien niżel u beda jimmanuvra bil-lever 'l isfel. Jiena bdejt nieżel bil-mod il-mod. Ġara illi f'daqqa waħda kien hemm qiesu skoss fil-fork lifter.* ***Biex ma naqax – għax kont bilwieqfa fuq il-paletta (platform)*** *kif spjegajt aktar kmieni – jiena żammejt mal-mast tal-fork lifter. Il-mast hija dik 'il biċċa illi magħħa jitilgħu u jinżlu l-frieket tal-fork lifter (ara ritratt numru 15). F'dak il-waqt ħassejt uġiegħ kbir fil-pala t'idi tax-xellugija"*[49]. Il-qorti hi tal-fehma:

- Li l-attur ma missux kien bilwieqfa iżda bilqegħda fuq il-*palette*. Kellu ħin ipoġġi bil-qegħda għaliex kien hu li qal lix-xufier li seta' jibda jniżżel. Hu evidenti li meta kienet qegħda ssir il-manuvra biex jitniżżlu l-frieket tal-forklifter, l-attur kien bilwieqfa u jżomm ma' xejn. Fil-fatt hu stess qal li żamm mal-mast tal-forklifter kif *'kien hemm qiesu skoss fil-forklifter'*. Ovvjament f'dak il-mument inħasad u poġġa jdejh f'post fejn ġie ġie. Hu ċar li dak ma kienx il-mument li seta' jaħseb fejn ser ipoġġi jdejh ladarba inħasad b'dak li ddeskriva bħala skoss.

[47] Fol. 248.
[48] Fol. 79.
[49] Fol. 51.

- L-attur kien impjegat b'snin ta' esperjenza u kellu jkun jaf li dik il-manuvra kien fiha element ta' periklu ġialadarba mhu jżomm ma mkien waqt li qiegħed jitħaddem il-forklifter u qiegħed f'għoli. Dan irrispettivament kienx irċieva taħriġ jew le. Jekk agħżel li jibqa' bilwieqfa waqt li l-frieket kienu qegħdin jitniżżlu, qabel qal lil Camilleri biex jibda jniżżel kellu jserraħ idu ma post fejn mhemmx parts jiccaqalqu (ara ritratt numru 13 a fol. 63). Dan seta' jagħmlu bla diffikulta'.

Il-qorti hi sodisfatta li bl-agir tiegħu l-attur ikkontribwixxa għall-ħsara li sofra, u dan b'nuqqas ta' prudenza. Għal dawn il-motivi ser tnaqqas id-danni li ser jiġu likwidati b'persentaġġ ta' **tletin fil-mija (30%)**.

## Danni

30. Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur. Għal dak li jikkonċerna d-***damnum emergens*** fl-ammont ta' **€799.98**, **m' hemmx kontestazzjoni da parti tal-konvenuta**.[50] Madanakollu m' hemmx qbil dwar il-***lucrum cessans.*** F'dan il-każ, il-kriterji jinsabu fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

31. Dwar il-**grad ta' debilità** li minnha jsofri l-attur, hemm diskordja bejn erbgħa konsulenti mediċi:

– Fis-6 ta' Frar 2011, **Mr. Raymond Gatt**, imqabbad mill-attur, iċċertifika li:

> *'Mr Grech was involved in an industrial accident that resulted in a traumatic amputation of the distal end of the left ring finger and multiple fractures of the phalanges that has resulted in residual stiffness. He is still undergoing physiotherapy albiet with minor progress and there are still residual problems.*
>
> *I suggest that this patienet has sustained a **Whole Body Impairment** of 9%, incorporating 3% for the traumatic amputation of the ring finger and 6% for the global stiffness of the ulnar three digits.'*[51]

– Fit-12 ta' Ġunju 2011, **Mr. Frederick Zammit Maempel**, imqabbad mill-attur, iċċertifika li:

> *'Mr Grech was examined for the purposes of this report eleven months after the accident. He sustained an injury to the ring and little fingers of*

[50] Fol. 300.
[51] Fol. 6 et seq.

*his non dominat left hand. He has lost the large part of the distal phalanx of the ring finger and of the nail bed, and suffered soft tissue damage to the PIP joint so that it cannot be fully extended. The little finger also suffered damage to the nail bed with a resultant deformed hypoplastic nail, and soft tissue damage to the DIP joint. Both injured fingers are fully healed, however their injuries have resulted in a mild adverse effect on the function of the left hand. Mr Grech suffered a permanent disability at 7% (seven)*[52]

- Fit-3 ta' Frar 2012, **Mr. Massimo Abela**, imqabbad mill-konvenuta, iċċertifika illi:

> '*Mr Godfrey Grech suffered an injury of a grevious nature following an injury at this workplace on 11/07/2010. He sustained a crush injury to his left, non-dominant handwhich resulted in a partial amputation of the ring finger and multiple fractures of the middle, ring and little fingers. All the fractures have healed and consolidated, albiet with some residual stiffness in the distal joints of the digits.*
>
> *I rate Mr Godfrey Grech's level of permanent disability at 4% (four percent)'*[53]

- Fit-12 ta' Diċembru 2012, **Mr. Charles Grixti**, l-espert maħtur mill-Qorti, iċċertifika illi:

> *'Godfrey Grech sofra ksur fis-swaba ta' idejh tax-xellug meta din inqabdet fil-'ġib' tal-'lifter' waqt li kien qed jaħdem ma Asfaltar Limited fil-11 ta' Lulju 2010.*
>
> *Huwa tilef it-tarf tas-seba taċ-ċurkett ta' l-id ix-xellugija tant li das-seba huwa 1.5cm iktar qasir minn dak tal-lemin. It-tarf tas-seba huwa ukoll sensittiv ħafna; jekk imissu ma xi ħaġa jħossu skomdu ħafna. Hemm ukoll limitazzjoni fil-muviment tal-'proximal interphalangeal joint' u t-'terminat interphalangeal joint' ta' l-istess seba'. Għalkemm il-'grip' ta' l-id ix-xellugija hija soda mhiex soda dak dik tal-lemin. Minħabba dan Grech isib diffikulta biex jagħmel xogħol ta' strapazz li kien jagħmel qabel, fil-fatt għandu diffikulta w ma' jistax jerfa' kantun.*
>
> *Ukoll isib diffikulta jekk irid iżomm xi oġġetti b' mod sod f' idejh tax-xellugija. Dan qed jaffettwah għaliex ma jistax iżomm is-sellum tat-'tarmac machine' b' idejh ix-xellugija w dan jista' jagħmlu biss bi tlett swaba ta' din l-id. Jien nistma' d-diżabilità li qed isofri Godfrey Grech kaġun ta' l-accident li kellu hawn fuq imsemmi ta' 5% (ħamsa fil-mija).*[54]

---

[52] Fol. 95 et seq.
[53] Fol. 41 et seq.
[54] Fol. 153 et seq.

- Permezz ta' rapport addizzjonali, **Mr. Charles Grixti** wieġeb ukoll għad-domandi in eskussjoni.[55] Ikkjarifika, fost affarijiet oħra, li l-perċentwali ta' 5% huwa ibbażat fuq eżami kliniku u tieħu in konsiderazzjoni: ix-xogħol li jagħmel l-attur; l-aspett estetiku tal-id ix-xellugija; kif ukoll kif l-amputazzjoni fis-seba' taċ-ċurkett kif ukoll in-nuqqas ta' moviment fis-swaba l-oħra jaffettwa l-funzjoni tal-istess id.

32. L-attur jargumenta li '***<u>il-grad ta' 5%, se mai, jirrifletti d-debilitajiet mediċi fil-persuna bijoloġika tal-attur, iżda ma jirriflettix dak il-valur ta' menomazzjoni li jillimitawh f' xogħolu.</u>*** *Huwa għalhekk li tali perċentwali għandu jiġi awmentat għal grad ieħor minn dak medikament konstatat.'* Mill-atti ma jirriżultax li dan huwa l-każ.

33. L-espert mediku mqabbad mill-Qorti, fir-rapport addizzjonali minnu mħejji, speċifikament jgħid li '*l-perċentwali ta' 5% ibbażat fuq l-eżami kliniku li għamilt u ħadt in kunsiderazzjoni ukoll ix-xogħol li jagħmel il-pazjent, jġifieri ta' Tarmac Plant Operator'*[56]. Fuq domanda speċifika tal-attur, l-espert itenni li '***Iva, din il-perċentwali tieħu in konsiderazzjoni x-xogħol ta' strapazz li għandu Godfrey Grech'***.

34. Inoltré, mill-provi jirriżulta li għalkemm kien hemm xi tnaqqis marġinali fid-dħul tal-attur fl-2010 u fl-2011, preżumibilment għaliex għamel disa' xhur ma jmurx għax-xogħol[57] u għalhekk ma kienx qiegħed jagħmel sahra, is-salarju tiegħu kompla jiżdied mill-2012 'l quddiem.[58]

35. Is-soċjetà konvenuta tinsisti ukoll li ġew ikkawżati danni estetiċi lill-attur li ukoll għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Dwar dan, l-espert maħtur mill-Qorti wieġeb li '*il-perċentwali ta' 5% ta' disabilità li sofra Godfrey Grech ħa in konsiderazzjoni l-aspett estetiku ta' l-id ix-xellugija, iżda ferm aktar tal-funzjoni tal-istess id.'* Huwa ċar għalhekk li anké dan l-aspett ġie debitament ikkunsidrat mill-espert mediku.

36. Il-Qorti ma tqisx li provi u l-argumenti mressqa mill-attur jistgħu jwassluha biex tiskarta l-opinjoni tal-espert mediku nominat minnha stess u minflok taddotta l-opinjoni tal-esperti *ex parte* minnha mressqa. **Għalhekk ser tapplika persentaġġ ta' debilita' ta' 5%**.

---

[55] Fol. 195 et seq.
[56] Fol. 198
[57] Fol. 42
[58] Fol 9 – 22 u fol. 190 - 192

37. Dwar is-**snin futuri lavorattivi**, jirriżulta mill-atti li l-attur twieled fl-1 t' Awissu 1976,[59] b' dan illi fid-data tal-inċident kellu 34-il sena. Mid-data tal-inċident kważi tmien (8) snin. L-attur jikkonċedi li mis-snin li fadallu sabiex jilħaq l-età pensjonabbli jrid isir tnaqqis li jirrifletti iċ-*chances and possibilities of life* u għalkk jipproponi li *multiplier* ta' <u>27 sena</u> ikun ekwu u ġust.

38. Da parti tagħha il-konvenuta hija tal-fehma li l-perjodu propost mill-attur ma jirriflettix il-bosta ġurisprudenza nostrana u filwaqt li rreferiet għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Joe Caruana vs. Philip Chircop & Sons Limited et*** deċiża fl-24 ta' April 2015, ipproponiet *multiplier* ta' <u>22 sena</u>.

39. Tenut kont l-imsemmija ġurisprudenza u l-fatt li mid-dokumenti eżebiti jirriżulta li l-attur kompla jipperċepixxi l-paga fl-2010 u 2011, din il-Qorti hija tal-fehma li multiplier ta' **24 sena** huwa adegwat fiċ-ċirkostanzi.

40. Dwar is-**salarju** l-attur jikkontendi li għandu dejjem jittieħed is-salarju <u>gross</u> inkluż *allowances*, *overtime* u żieda fl-għoli tal-ħajja, mingħajr ma jsiru deduzzjonijiet fiskali u tas-sigurtà soċjali. Jgħid ukoll li l-fatt li l-attur baqa' fl-istess impieg m'għandux jippreġudikah. Inoltre, għandu jservi ta' indikatur fil-komputazzjoni tad-danni, is-salarju minnu perċepit <u>wara</u> l-inċident *de quo*. Abbażi ta' dan huwa jipproponi l-paga bażi annwa fl-ammont ta' <u>€26,000</u>.

41. Da parti tagħha l-konvenuta tgħid li a tenur tal-ġurisprudenza in materia għandha tittieħed in konsiderazzjoni l-paga tar-rikorrent fis-sena qabel seħħ l-inċident, ossija, €20,906, li minnha għandhom jitnaqqsu it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali in linea ma dak deċiż minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana*** fl-4 ta' Mejju 2015[60]. Imnaqqsa t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet l-oħra, l-ammont nett perċepit mill-attur fl-2009 kien ta' €16,474.72 u għalhekk, tenut kont taż-żidiet possibbli tal-attur fil-futur, il-konvenuta hija tal-fehma li l-bażi tal-multiplicand għandu jkun ta' <u>€17,500</u>.

42. F'dik is-sentenza l-qorti qalet:

> *'Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn damnum emergens u lucrum cessans. L-Artikolu 1045(1) jipprovdi li l-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha tinkludi "it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". M' hemm l-ebda dubju li mill-paga tal-attur kienet titnaqqas it-taxxa taħt il-Final Settlement System, fejn it-taxxa titnaqqas direttament mill-paga. Fil-fehma tal-qorti l-paga li tilef l-attur, għaliex għamel żmien 'l bogħod mix-xogħol, kienet dik li*

[59] Fol. 5
[60] Ara wkoll **Violet Galea vs Direttur Responsabbli mid-Dipatiment tal-Gvern Lokali** tat-22 ta' Marzu 2017, Prim'Awla.

*ser tibqagħalu fil-but għall-użu tiegħu u mhux dik il-parti tal-paga li kienet ser titnaqqaslu bħala taxxa. Jekk ser ikun mod ieħor ifisser li l-attur ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal iktar mit-telf ekonomiku li ġarrab il-patrimonju tiegħu. Dan żgur li ma jistax jikkwalifika bħala fair compensation.'*

43. Applikat l-istess prinċipju, din il-Qorti sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur ta prova li kellu.

44. Jirriżulta li fis-sena 2010 l-attur kellu dħul nett ta' €14,633; fl-2011 id-dħul nett kien €14,431; fl-2012 €20,725 u fl-2013 kellu dħul ta' €20,077.8. Ma ġewx eżebiti iktar FS3s. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li huwa adegwat, tenut kont żiediet fil-paga li tagħmel il-kalkoli fuq qliegħ ta' **€20,500**. Dan iktar u iktar meta tqis li ma kienx każ fejn minħabba d-debilita permanenti l-attur għadu sofra xi telf fil-qliegħ tiegħu.

45. Jifdal għalhekk li jiġi stabbilit it-tnaqqis għal ***lump sum payment***.

46. Da parti tiegħu l-attur jikkontendi li tenut kont it-trapass ta' żmien minn mindu ġew intavolati l-proċeduri odjerni sal-ġurnata tas-sentenza, is-solita perċentawali ta' 20% m' għandiex tiġi applikata fl-intier tagħha. Il-konvenuta taqbel li l-ġurisprudenza nostrana stabbiliet li it-tnaqqis ta' 20% għandu jitnaqqas b' 2% għal kull sena li tgħaddi wara li jkunu għaddew 3 snin mid-data li l-attur ippreżenta l-kawża sad-data tas-sentenza.[61]

47. Din il-Qorti sejra għalhekk tipprovdi għar-riduzzjoni applikabbli għal-*lump sum payment* bil-perċentwali ta' **16%**.

48. Għaldaqstant meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, taħt dan il-kap l-ammont hu **għoxrin elf sitt mija u erbgħa u sittin ewro (€20,664)** [Salarju annwu: €20,500 x 24 sena x 5% debilita – 16%].

49. Għaldaqstant id-danni li għandu jitħallas l-attur wara li jitnaqqsu 30% għall-ħtija kontributorja, huma **ħmistax-il elf u ħamsa u għoxrin ewro (€15,025).**

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq:**

**(i) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.**

[61] ***Paul Xuereb noe vs. Emanuel Xuereb pro et noe*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995.

**(ii) Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni filwaqt li tiddikjara li s-socjeta konvenuta għandha responsabbilta' għall-inċident, tiddikjara wkoll li l-attur għandu jġorr tletin fil-mija (30%) tal-ħtija. Għaldaqstant filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet, tilqa' l-ewwel u tieni talba bil-mod li ngħad hawn.**

**(iii) Tillikwida d-danni fis-somma ta' ħmistax-il elf u ħamsa għoxrin ewro (€15,025).**

**(iv) Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf u ħamsa u għoxrin ewro (€15,025).**

**Bl-imgħax mil-lum u spejjeż jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-konvenuta u 30% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.